VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,215, 28 ta' Frar, 2014
Taqsima B

A.L. 70 tal-2014

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2014 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Kap. 255)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel din il-korrezzjoni.

Korrezzjoni fl-Att dwar iż-Żwieġ. Kap. 255.

1. Fl-Att dwar iż-Żwieġ għandhom isiru l-korrezzjonijiet li ġejjin:

(a) fit-tifsira "Reġistratur" li tinsab fis-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tiegħu, minflok il-kliem "fl-ibħra internazzjonali ta' xi pajjiż" għandhom jidħlu l-kliem "fl-ibħra interni ta' xi pajjiż";u

(b) fis-subartikolu (1) tal-artikolu 16 tiegħu, minflok il-kliem "fl-ibħra internazzjonali ta' xi pajjiż" għandhom jidħlu l-kliem "fl-ibħra interni ta' xi pajjiż".

Bidu fis-seħħ.

2. Is-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja stabbilixxa l-1 ta' Jannar, 2010, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha tibda' sseħħ.